MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 9/2005

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Mario u Rita konjugi Saliba**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-Bank attur fis-7 ta' Jannar, 2005, li *in forza* taghha, wara li esponiet illi:

1. Il-konvenuti huma debituri lejn is-socjeta' attrici fl-ammont globali ta' tlettax-il elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disghin centezmu (Lm13,025.90) dovuti kwantu ghal ghaxart elef tmien mija u erba' u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm10,834.14) rapprezentanti il-

kapital dovut lilhom skond l-*overdraft account* numru 087-045720-340 u kwantu ghal elfejn mija u wiehed u disghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2191.76) bhala imghaxijiet kalkolati sat-30 ta' Awissu, 2004, liema ammonti jirrizultaw ahjar mill-anness dokument li qieghed jigi mmarkat A;

2. Illi ghalkemm gew debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammonti fuq imsemmija – dokument B – il-konvenuti baqghu inadempjenti u peress illi jezistu l-elementi kontemplati fl-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal ezenzjoni mis-smiegh billi id-debita fuq imsemmija huma certi, likwidi, dovuti u skaduti u dana kif jirrizulta wkoll mill-anness affidavit dokument C;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12;

Tikkundanahom ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlettax-il elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disghin centezmu (Lm13,025.90) bl-imghaxijiet ulterjuri bit-tmienja fil-mija (8%) mill-31 ta' Awissu, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta' Awissu, 2004 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat in-nota tal-konvenut Mario Saliba li *in forza* taghha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 2005, li *in forza* tieghu l-konvenuta Rita Saliba giet awtorizzata tikkontesta l-kawza u inghatala terminu ta' 20 jum biex tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat li l-konvenuta Rita Saliba naqset li tressaq nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-att tac-citazzjoni li l-konvenuti huma debituri lejn il-Bank attur fis-somma ta' Lm13,025.90, kapital u imghax, fuq kont ta' *overdraft*. IL-konvenuta, ghalkemm kontumaci, ma tikkontestax it-talba *per se*, izda thoss li la darba bejnha u zewgha giet ippronunzjata s-separazzjoni personali b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2005, u *ai termini* ta' dik is-sentenza d-dejn kollu konness mal-*overdraft* gie mixhud fuq zewgha, hi m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas.

Din il-Qorti tissimpatizza mal-konvenuta, izda d-dejn kien dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti, u kull separazzjoni jew bidla fir-regim li jirregola z-zwieg, ikun dejjem *"minghajr hsara tal-jeddijiet ta' terzi persuni"* (artikolu 1244(1) tal-Kodici Civili). Altrimenti jkun faccli ghall-koppja li meta jkollha d-dejn, timanuvra biex titfa dak id-dejn fuq il-parti li ma tiflahx thallas, u b'hekk tippregjudika d-drittijiet tal-kredituri. *Ai termini* tas-sentenza ta' separazzjoni, fir-relazzjoni interna bejn il-konvenuti, huwa l-konvenut Mario Saliba li jrid jaghmel tajjeb ghal dak id-dejn, izda dik is-sentenza ma torbotx lil min ma kienx parti fiha, u, ghalhekk, fil-konfront tat-terzi kredituri, r-responsabilita' ghall-hlas tibqa' tat-tnejn.

Il-Qorti tispera li l-Bank attur jinsisti ghall-hlas minghand il-konvenut Mario Saliba, mhux biss ghax dan ammetta li ghandu jhallas is-somma mitluba, izda wkoll ghax, fl-ahhar mill-ahhar, hu jrid ibati dak li hu dovut lill-Bank attur, u b'hekk tevita hafna inkwiet zejjed lill-konvenuta. Jibqa' l-fatt, *pero',* li legalment il-kreditur ma jistax jigi mcahhad minn debitur minghajr il-kumsens tieghu, u, allura, it-talba tal-bank attur trid tintlaqa fil-konfront taz-zewg konvenuti.

Peress, *pero'*, li l-obbligu principali ghall-hlas huwa tal-konvenut Mario Saliba, l-ispejjes tal-kawza se jigu imposti kollha fuqu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, fuq amissjoni tal-konvenut Mario Saliba u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tilqa' fil-konfront taz-zewg konvenuti it-talba tal-bank attur kif dedotta.

L-ispejjes kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut Mario Saliba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------